

Brussell, 30 ta' Marzu 2026
(OR. en)

7436/26
PV CONS 17
AG 49

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
17 ta' Marzu 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6543/26.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva 6793/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 6794/26

Affarijiet Ġenerali

1. Emenda għall-Att Elettorali Ewropew

Qbil fil-prinċipju

Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-13.3.2026

S 6821/26 + COR 1
+ ADD 1-3
6708/26
AG

Il-Kunsill laħaq qbil fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni u ddeċieda li jitlob l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 223(1) subparagrafu 2 TFUE.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Iżvezja u dikjarazzjoni konġunta min-Netherlands u d-Danimarka jinsabu fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034: aspetti ta' governanza

Dibattitu ta' orjentazzjoni

SIC 6911/26

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-aspetti ta' governanza tal-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali 2028-2034.

4. Affarijiet oħra

a) Riżorsi proprji ġodda

Informazzjoni minn Franza

SIC 7352/26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza.

Attivitajiet mhux leġislattivi

- | | | |
|----|--|----------------------------|
| 5. | Tħejjija tal-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu 2026:
konklużjonijiet
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 5155/26 |
| 6. | Semestru Ewropew 2026 | |
| a) | Rapport ta' sinteżi
<i>Skambju ta' fehmiet</i> | 6939/26 |
| b) | Pjan direzzjonali aġġornat
<i>Preżentazzjoni mill-Prezidenza</i> | 13566/2/25 REV 2 |
| c) | Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika
taż-żona tal-euro
<i>Trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew</i> | 5991/1/26 REV 1
5732/26 |
| 7. | Affarijiet oħra | |
| a) | Il-proġett pilota dwar is-sistema ta' verifika tal-era diġitali:
sejħa għall-passi li jmiss
<i>Informazzjoni minn Spanja</i> | 7347/26 + ADD 1
REV 1 |

S Proċedura leġislattiva speċjali

C Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 6794/26

Dwar il-punt "A" Emenda għall-Att Elettorali Ewropew
nru 1: *Qbil fil-prinċipju*
 Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali.

Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqusa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE.

F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel".

Fir-rigward tal-opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali, l-Ungerija tappoġġa l-approċċ minn isfel għal fuq fl-għoti tas-setgħa lill-gruppi sottorappreżentati minflok l-aċċess ibbażat fuq il-kwoti minn fuq għal isfel."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"Skont kif ir-responsabbiltajiet tal-indukrar tat-tfal għat-trabi tat-twelid jinqasmu fi ħdan familja, kemm il-Membri rġiel kif ukoll dawk nisa tal-Parlament Ewropew jistgħu jsibu xkiel għal-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw fil-ħidma parlamentari. Għaldaqstant, l-Iżvezja kienet tippreferi emenda usa' li, minbarra l-ommijiet li welldu reċentement, tkopri wkoll il-ġenitur l-ieħor ta' tarbija tat-twelid. Madankollu, l-Iżvezja tilqa' d-deċiżjoni tal-lum bħala pass pożittiv lejn il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u kundizzjonijiet tax-xogħol favur il-familja għall-Membri tal-Parlament Ewropew."

DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS U D-DANIMARKA

"In-Netherlands u d-Danimarka jissottolinjaw l-importanza li jiġi stabbilit arranġament li jippermetti lill-Membri tal-Parlament Ewropew jieħdu sehem fil-votazzjoni plenarja matul it-tqala u fix-xhur ta' wara l-ħlas. F'dan il-kuntest, in-Netherlands u d-Danimarka jilqgħu l-adozzjoni tal-lum tad-deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att Elettorali, li ser tippermetti lill-Membri jiddelegaw il-vot tagħhom temporanjament sabiex ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq il-ħajja privata u tal-familja tagħhom.

Fl-istess ħin, in-Netherlands u d-Danimarka kienu jippreferu kamp ta' applikazzjoni usa' għall-proposta, li jkopri b'mod partikolari sitwazzjonijiet bħal-liv tal-paternità u l-mard fit-tul. Barra minn hekk, in-Netherlands u d-Danimarka jinnotaw li skema ta' sostituzzjoni temporanja jkollha l-potenzjal li tkopri l-firxa sħiħa tad-dmirijiet ta' Membru tal-Parlament Ewropew.

Għalhekk, in-Netherlands u d-Danimarka jqisu l-proposta tal-lum bħala l-ewwel pass pożittiv u jinsabu lesti li jkomplu jaħdmu mal-Parlament Ewropew, mal-Kunsill u mal-Kummissjoni dwar passi ulterjuri relatati mal-arranġamenti għal-liv tal-ġenituri għall-membri tal-Parlament Ewropew.

In-Netherlands u d-Danimarka jinnotaw ukoll li l-prinċipju ta' mandat ħieles u votazzjoni mingħajr struzzjonijiet vinkolanti huwa inkorporat sew mal-Unjoni Ewropea kollha u fl-Att Elettorali tal-UE. Huwa essenzjali li r-rappreżentanti eletti ma jkunux marbuta bi struzzjonijiet għall-votazzjoni u jkunu jistgħu jivvotaw b'mod ħieles. In-Netherlands u d-Danimarka jixtiequ jenfasizzaw li l-proposta dwar it-trasferiment tad-drittijiet tal-vot ma tinvolvi ebda deroga mill-prinċipju tal-mandat ħieles, kif stabbilit fit-tieni sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-Att Elettorali tal-UE."
